MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 137/2006

**Francis Camilleri (ID 628252 M) u Emanuela Camilleri (ID 52152 M)**
**Vs**
**Carmen Demicoli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta' l-atturi li bih qed jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallashom s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150) dovuti mill-konvenuta lill-atturi ghal xoghol ta' tibjid, kisi u materjal fil-fond 2, St.Anthony Court, Triq l-Ghakrux, Zabbar, xoghol u materjal provdut mill-atturi fuq inkariku tal-konvenuta. Dan l-ammont huwa bilanc ta' somma akbar li minnha l-konvenuta hallset mitt lira Maltin (Lm100). Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes;

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt fid-dritt u dan stante li s-somma allegata mhix dovuta;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra x-xhieda ta' l-attur Francis Camilleri, li ddikjara li ghandu jiehu s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150) minghand il-konvenuta u dan minhabba xoghol ta' kisi li ghamel fl-appartament taghha fuq imsemmi;

L-attur jispjega li l-ftehim kien li kellu jsir il-kisi fil-blokk kollu. Kien spicca l-ewwel appartament, meta l-konvenuta kienet giet lura mill-Awstralja u qaltlu li ma kellux jispicca x-xoghol ghaliex kienet ser tbiegh il-blokk kollu *shell*;

L-ammont li qed jitlob huwa l-bilanc li fadal ghax-xoghol li kien ghamel. Il-konvenuta kienet ghamlet zewg pagamenti ta' hamsin lira (Lm50) il-wiehed, izda l-attur ighid li ma kienx iffirma ir-ricevuta – Dokument FC1 u dan minhabba ma kienx hemm ddikjarat li l-ammont kien qed jithallas ghal parti mix-xoghol. Jikkonferma li l-parti mizjuda bil-kitba ghamilha hu;

L-attur jikkonferma li sa' llum kien ghadu ma thallasx;

Ikkunsidra;

Il-konvenuta pprezentat ir-risposta taghha, izda madanakollu ma gabet ebda provi. Effettivament, f'din il-kawza it-Tribunal sema' biss il-verzjoni ta' l-attur li, kif inghad, isostni li ghandu jithallas is-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150) ghax-xoghol u materjal minnu provdut fil-blokk ta' appartamenti li f'dak i-zmien kienu proprjeta' tal-konvenuta;

Il-konvenuta kienet ghamlet biss zewg pagamenti ta' hamsin lira (Lm50) il-wiehed u xejn aktar u dan jirrizulta mid-Dokumenti li esebixxa l-attur. L-attur jipprecisa illi ma kienx iffirma ir-ricevuta, peress li donnu kien hemm indikat li l-ammont li kien thallas mill-konvenuta, kien ikopri x-xoghol kollu, meta fir-realta' ma kienx hekk;

It-Tribunal ihoss li la darba l-konvenuta uriet nuqqas ta' interess fil-kawza, tant li lanqas tellghet xi provi, u

m'hemm xejn x'jindika li il-verzjoni tal-attur hija inattendibbli, it-Tribunal jemmen l-istess u ghalhekk ser jghaddi biex jilqa' it-talbiet attrici;

Ghal dawn l-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jordna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1150) bl-ispejjes u imghaxijiet kif mitluba a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------